MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 1317/2002

**Ranger Company Ltd**

**vs**

**Euro Imports Ltd**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ta’ Ranger Company Limited, li permezz taghha, wara li ppremettiet illi:

Permezz ta’ tlett Skritturi Privati datati 28 ta’ Lulju 2000, 28 ta’ Lulju 2000 u 14 ta’ Settembru 2000, li kopji taghhom huma hawn annessi u esebiti u mmarkati rispettivament bhala Dok. A, Dok. B u Dok. C, fejn is-socjeta’ attrici kienet tat kera tal-vetturi tat-tip Peugeot Partner li ghandhom in-numri ta’ registrazzjoni rispettivi WIN-323, WIN-636 u WIN-434 lis s-socjeta’ konvenuta ghal perjodu ta’ hames (5) snin kif dettaljat fl-istess skritturi, bil-

kundizzjoni illi l-hlas isir permezz ta' rati mensili ta' mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) piu' VAT ghal kull vettura, kif dettaljati fl-istess skrittura privata;

Is-socjeta' konvenuta naqset illi teffettwa diversi pagamenti mensili, u ghalhekk kisret il-kondizzjonijiet tal-ftehim;

Ai termini tal-klawzola 9 tal-Iskritturi Privati hawn fuq imsemmija, tali sospensjoni ta' hlasijiet mensili twassal ghat-terminazzjoni tal-ftehim, u dan minghajr pregudizzju ghad-dritt tas-socjeta' attrici illi tirreklama l-arretrati kollha, u l-hlasijiet kollha dovuti skond l-istess Skrittura Privata u kwindi ghall-penali ekwivalenti ghal sitt xhur kera u ghalhekk ghall-hlas ta' disa' mitt Lira Maltin (Lm900.00) piu' Lm135.00 ghall-VAT fuq l-istess, ghal kull vettura u kuntratt relattiv, ai termini tal-klawzoli 12 tal-istess skritturi;

Is-socjeta' konvenuta saret debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' hamest elef, tlett mija u disgha u disghin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm5399.85), ammont rapprezentanti l-hlasijiet dovuti skond il-klawzoli 3 u 12 tal-Iskritturi Privati, in kwantu ghal ta' elfejn, mitejn u erbgha u disghin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm2294.85), arretrati ta' hlasijiet dovuti skond kif fuq premess u kif dettaljat skond Dokument D hawn anness u esebit li ripetutament gie kkonsenjat lis-socjeta' intimata, u in kwantu ghal tlett elef, mija u hames Liri Maltin (Lm3105.00) ammont dovut bhala penali ghat-terminazzjoni skond kif dettaljat fil-klawzola numru tnax (12) tal-iskritturi;

Is-socjeta' konvenuta, ghalkemm giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, permezz ta' ittri legali tat-28 ta' Awissu 2002 u 9 ta' Settembru 2002, kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Ottubru 2002, baqghet inadempjenti;

Dan l-ammont hu cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni x'tissolleva kontra l-pagament tal-istess;

Ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 et seq tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili.

Talbet is-socjeta’ konvenuta tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tikkundannaha illi thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef, tlett mija u disgha u disghin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm5399.85), lilha dovuta kif fuq premess, u dan bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 et seq tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali u dik ufficjali datata 15 ta’ Ottubru 2002 u tal-mandati kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, u interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittri ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li tibqa’ minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ Godwin Mifsud ghan-nom tal-istess socjeta’.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, fejn il-Qorti laqghet it-talba tas-socjeta’ konvenuta u awtorizzata tikkontesta l-kawza.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, li in forza taghha eccepiet illi:

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-uniku ammont dovut lis-socjeta’ attrici huwa ta’ Lm1627.35 rapprezentanti kiri ta’ vetturi skond il-ftehim originarjament iffirmat bejn il-kontendenti ghall-kiri ta’ dawn l-istess tlett vetturi. Dan l-ammont, l-eccipjenti kien dispost li jhallsu anki qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri.

L-ebda ammont iehor ma huwa dovut lis-socjeta’ attrici billi kienet hija li naqset abbuzivament milli tipprovdi ghad-dispozizzjoni tal-eccipjenti, it-tlett vetturi, u dana kif kienet obbligata li taghmel skond il-ftehim iffirmat bejn il-kontendenti, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Semghet ix-xhieda viva-voce.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lid-difensuri jitrattaw il-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Permezz ta’ din il-kawza, is-socjeta’ attrici qed titlob hlas li tghid li hu dovut lilha bhala arretrati ta’ kera u penali in relazzjoni ma’ kirja ta’ vetturi lis-socjeta’ konvenuta. Din tal-ahhar tilqa’ ghall-kawza billi tammetti li ghandha taghti parti mill-ammont bhala arretrati ta’ kera, izda tichad li ghandha thallas penali peress illi kienet l-attrici li ma esegwietx l-obbligi taghha skond il-ftehim.

Mill-provi jirrizulta illi l-partijiet innegozjaw bejniethom tlett kirjiet ta’ vetturi ghall-perjodu ta’ hames snin ghall-kera ta’ Lm150, inkluz VAT kull vettura kull xahar. Il-kirja bdiet ghaddejja u l-hlasijiet saru regolarment. Wara xi zmien beda jinqala’ dizgwid kontinwu bejn il-partijiet u s-socjeta’ attrici hadithom lura. Il-partijiet ma jaqblux dwar ir-raguni tal-problemi li nqalghu.

Godwin Mifsud, in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici jixhed hekk:

“*Wara li ghaddejtlu dan il-vann ghaddiet xi sena ohra meta s-socjeta’ konvenuta bdiet thallasni regolarment, pero’ mbaghad kien cempilli s-Sur Cassar Aveta u qalli li sab biex ibiegh il-kumpanija, pero’ l-vannijiet, min kien se jixtri l-kumpanija ma ridhomx. Jiena ghidtlu li mhux*

*problema; jekk huma ma ridux il-vannijiet niehdu l-vannijiet lura, ihallsu l-penalty skond kif hemm miftiehem fil-kuntratt u nwaqqghu l-istess kuntratti. Il-penali miftehma, f'kaz li jaqa' l-kuntratt kienet ta' disa' mitt Lira fuq kull vann. Sa dak iz-zmien, it-tlett vannijiet kienu f'idejn is-socjeta' konvenuta mmexxija mis-Sur Cassar Aveta.*

*F'daqqa wahda, within a short time, qisu wara hmistax li kellna din il-konverzazzjoni, il-vannijiet bdew gejjin bil-hsara.*"

Inqalghu divergenzi bejn il-partijiet dwar min kellu jaghmel tajjeb ghall-hsara u dwar il-kwalita' tax-xoghol tat-tiswijiet. Ikompli jghid:

"*Jiena meta rajt hekk iddecidejt li nzomm dak il-vann ghandi u ghidtlu biex jghid lis-Sur Cassar Aveta jekk irid jigi l-ufficju tieghu, u jigi hu biex jibghat ix-xufier. F'dan il-kaz ukoll, jiena qabbadt lis-Sur Joseph Zammit biex johrogli certifikat li dak il-vann kien tajjeb ghat-triq, u dan peress li s-Sur Cassar Aveta kien ukoll qed jghidli li l-vann ma kienx tajjeb ghall-uzu fit-triq.*"

Ikompli jixhed:

"*Dwar it-tielet vann, hin minnhom ukoll meta gie l-ufficju tieghi, indunajt li dan kien gie sprejjat mill-gdid. Fil-fatt sirt naf li kienu habtu bih u kienu sewwewh ghand terzi, u mhux kif kien miftiehem. Jiena kellimt lill-isprayer tieghi li ezamina dan il-vann u nduna li dan kien sprejjat gdid. Jiena cempilt ghand is-Sur Cassar Aveta u sibt hemmhekk wahda sinjorina jew sinjura, ghidtilha b'dak illi sirt naf u li skoprejt, u hi qaltli li l-vann stajt inzommu u ndahhlu f'bozza. Imbaghad jiena meta qaltli hekk iddecidejt ukoll li nzomm dak il-vann. Hi qaltli zommu hemm u dahhlu f'bozza, u ghalhekk iddecidejt li nzommu.*"

Immedjatament, l-istess Mifsud ikkommissjona survey fuq dan il-vann u s-surveyer Joseph Muscat iccertifika li l-vann ma kellux problemi (kopja esebita in atti a fol. 52). Dan kien il-vann WIN-636.

Sussegwentement, it-tieni vann, WIN-323 kellu incident ukoll. Dwar dan ukoll, Mifsud ikkommissjona survey (ukoll esebit in atti). Dwar il-vettura WIN-434, huwa jixhed hekk:

"*Meta xi gimgha wara dan il-vann iddahhal ghas-servizz, jiena ghidt lix-xufier li l-vann kien jidher sprejjat u x-xufier qalli li ma kienx jaf jekk kienx sprejjat jew le. Jiena ghidtlu li kien jidher car li l-vann kien gie sprejjat. Jiena cempilt lis-Sur Aveta, kienet irrispondietni l-mara tieghu u wara li ghidtilha dan, kienet qaltli biex il-vann indahhlu f'bozza. Jiena ghidtilha mela issa ndahhlu f'bozza u nzommu ghandi fil-garaxx u ma jiehduhx, u fil-fatt hekk ghamilt.*"

Jirrizulta ukoll li, waqt li kienet ghadha ghaddejja l-kirja, inxtraw vetturi ohra mis-socjeta' konvenuta.

Joseph Cassar Aveta, li kien direttur tas-socjeta' konvenuta jispjega hekk fix-xhieda tieghu:

"*Nikkonferma illi minghand is-socjeta` attrici jiena kont illisjajt tlett vannijiet partner u van transit. Kull wiehed minn dawn il-kirjiet kien hemm iffirmat ftehim. Nikkonferma illi fil-bidu kien beda ghaddej kollox regolarment. Jiena kelli s-servizz u bdejt inhallas. Bdew bejn is-sena 2001 u s-sena 2002 meta wara l-van minnhom kien involut f`incident ma bdewx isiru t-tiswijiet kif suppost. Id-dokument a fol. 87 tal-process, jista` jkun li dan ic-cekk ma ssarrafx pero` jiena naf illi gie mibdul b`cekk iehor, kont irrinpjazzajtu b`cekk gdid li ssarraf. Ic-cekk originali li ma kienx issarraf, qatt ma gie rritornat lili. Qed nigi mistoqsi jekk l-ammont ta` Lm1,627 li jiena ghid li ghadhom dovuti ghalfejn ma gewx iddepozitati l-Qorti, peress illi jiena nsostni illi sar breach of contract u kont qed insofri danni. Jiena li niftakar hu u dan jidher mid-dokument a fol. 54 tal-process li s-Sur Godwin Mifsud kont ghidlu li kont qed nikkonsidra li kienet breach of contract. Ma huwx minnu li jiena baghat l-ittra biex inhassar il-ftehim ghaliex kont ordnajt il-karozzi tieghi. Allavolja ghid fix-xhieda tieghi illi l-karozzi tieghi kont ordnajthom fis-6 ta` Settembru, 2002 u gew ikkonsenjati fid-19 ta` Settembru, 2002 qabel din id-data, korrezzjoni, din kienet wara li tajthom lura l-ewwel van. Illi l-ordni tal-*

*karozzi kienu illi tnejn gew ordnati fis-6 ta` Settembru, ta` l-2002 u iehor gie ordnat fid-19 ta` Settembru, 2002. Dawn gew ikkonsenjati xi 15 jew tlett gimghat wara. Illi s-Sur Mifsud kien hadli l-ewwel van fis-26 ta` Awissu u ghalhekk jiena kont baghatlu dik l-ittra u ma kienx taghni sostitut u krejt karozza, anzi wiehed mill-haddiema tieghi kien juza l-karozza tieghi. Gimgha wara kien hadli t-tieni van. Kont ipprezentajt ukoll il-kuntratt tal-kiri tal-karozzi li jiena kelli bzonn ghas-salesman. Jiena kont rajt illi ma kienx taghni biex nissostitwixxi l-vetturi fis-6 ta` Settembru, jiena kont mort u ordnajt il-vannijiet godda jiena peress illi ma ridx inkompli nzid l-ispejjez tal-kiri. Bejn is-6 u d-19 ta` Settembru, 2002 kien gabarli t-tielet van u ghalhekk imbaghad fid-19 jiena ordnajt it-tielet vettura gdida. Kienu gew ordnati wara li jiena ordnajt, korrezzjoni, wara li jiena ngabruli l-vannijiet tieghu u mhux qabel.*"

Fil-kunsiderazzjonijiet taghha, din il-Qorti taghmel, bi premessa, referenza ghall-principju assodat illi min jallega jrid jipprova. Ghalhekk l-ewwel skrutinju li trid taghmel il-Qorti jirrigwarda l-arretrati ta' kera. Is-socjeta' attrici pprezentat kopja awtentikata ta' statement of account tal-kirjiet relattivi li juri ammont dovut ta' Lm2294.85 (fol. 18). Dan kien konfermat bil-gurament minn Godwin Mifsud. Ir-rapprezentant tas-socjeta' intimata, min-naha tieghu, jammetti bilanc dovut ta' Lm1627.35. Madanakollu, ma jipprovdi lill-Qorti ebda prova ta' hlasijiet minnu maghmula u lanqas qatt ma gie depozitat dan l-ammont fil-Qorti u ghalhekk il-Qorti tqis li l-ammont ta' kera dovut huwa dak konfermat mis-socjeta' attrici. Ukoll, ghall-fini ta' spejjez, din il-Qorti tirreferi ghall-kawza "MAC vs Said" (deciza mill-Imhallef J.R. Micallef fid-9 ta' Ottubru 2003:

"*Illi l-ligi trid li d-depozitu tal-ammont dovut lill-kreditur jiswa' daqs il-hlas, sakemm tali depozitu jkun sar wara li s-somma tkun giet offerta lill-kreditur u dan irrifjutaha, u sakemm dik l-offerta thares il-kundizzjonijiet tassativament mahsuba fl-artikolu 1175 tal-Kodici. B'zieda ma' dan, biex depozitu jkun jiswa' daqs il-hlas, huwa kompitu tad-depozitant li jipprova sufficjentement li tali depozitu kien*

*wiehed maghmul b'harsien tal-ligi wara li l-hlas ikun gie validament offert lill-kreditur.*"

Minn danakollu, is-socjeta' konvenuta m'ghamlet xejn.

Imbaghad, f'materja tal-inadempjenza, ghal dak li jirrigwarda l-hlas tal-penali li qed titlob is-socjeta' attrici, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza "Herrera noe vs Debattista et" (deciza mill-Imhallef Ph. Sciberras fil-21 ta' April 2004), fejn il-Qorti affermat illi:

"*Kif gie ritenut mill-Qorti Taljana tal-Kassazzjoni fis-sentenza taghha tas-7 ta' Novembru 2000 (Numru 11784), "ai fini della pronuncia di risoluzione di un contratto a prestazioni corrispettive in caso di inadempienze reciproche, il giudice per stabilire la sussistenza dell' inadempimento determinante a carico di uno dei contraenti non puo` limitarsi ad esaminare il comportamento di una sola delle parti, ma deve procedere ad una valutazione unitaria della condotta di entrambi i contraenti per accertare gli inadempimenti reciprocamente lamentate dalle parti ed apprezzarne l' effettiva gravita` ed efficienza causale rispetto alla finalita` economica complessiva del contratto, nonche la conseguente ininfluenza sulla sorte del medesimo.";*

*Dan it-taghlim tad-duttrina u tal-gurisprudenza Taljana ma jidherx li hu aljen fil-kazistika lokali jew innovattiv ghall-Qrati taghna. Ara Kollez. Vol. XLIX P I p 518. In effetti fuq l-istregwa ta' dawn l-istess insenjamenti l-Imhallef Maurice Caruana Curran sedenti fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili, filwaqt li jitlaq mill-premessa illi l-eccezzjoni "inadempleti contractus" tista' tigi sollevata b'mod generali fil-kuntratti sinallagmatici kollha, u indipendentement mir-rizoluzzjoni tal-kuntratt, jissokta jirrileva illi "ir-rekwiziti biex din l-eccezzjoni tirnexxi huma (I) l-inadempjenza ta' l-attur tkun tolqot xi obbligu tieghu li jkun parti ntegrali mill-ftehim (ii) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur u (III) irid ikun hemm proporzjonalita` bejn l-inadempjenza tal-partijiet" - "Carmelo Cremona -vs- Victor Angilieri", 11 ta' Ottubru 1966.*"

Klawzola Nru. 12 tal-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet ghal kull vettura taqra hekk:

"*12. This agreement is binding for the lease term in Clause 1 above and any extensions thereto. Should the Lessee hereto terminate this agreement for any reason whatsoever, except for any breach of any provisions hereof, during the initial at any extended term of lease, then the Lessee shall pay the Lessor a penalty of 6 months rate. It is hereby specifically agreed that the Lessor shall be entitled to terminate this agreement, without being bound to pay such specified penalty if it is proved that the driver/s of the Lessee are negligent and imprudent in the use of the car to the extent that the car suffers substantial depreciation.*"

Tenut kont tal-insenjament fuq citat, il-Qorti ghalhekk trid tiddetermina kif fil-fatt gie esegwit il-kirja u min naqas b'xi mod mill-obbligi tieghu skond l-istess kuntratt.

F'materja ta' inadempjenza kontrattwali, din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fuq citata "MAC vs Said", fejn il-Qorti irriteniet illi:

"*In-nuqqas ta' twettiq (f'waqtu) ta' obbligazzjoni ma jgibx fix-xejn dik ir-rabta, imma, ghall-kuntrarju, ihalli lok li tista' tintalab l-ezekuzzjoni taghha. Ghalhekk, sakemm il-ftehim ma jkunx sar, fih patt ta' kundizzjoni rizoluttiva espressa li meta ssehh iggib fix-xejn il-kuntratt b'mod li lanqas il-Qorti ma tista' ttawwal iz-zmien lid-debitur ghall-ezekuzzjoni, il-fatt li jkun sar ftehim bilaterali bejn tnejn min-nies jew izjed jista' johloq il-prezunzjoni li tinghadd li saret fih il-kundizzjoni rizoluttiva tacita f'kaz li wahda mill-istess partijiet tonqos li twettaq il-parti taghha. Imma din il-kundizzjoni ma ggibx fi tmiemha ipso jure l-obbligazzjoni (ghajr fil-kuntratti kummercjali), u hija moghtija lill-Qorti mil-ligi, is-setgha li taghti lid-debitur zmien xieraq u skond ic-cirkostanzi biex jaghmel dak li kien intrabat.*"

Fil-kaz in ezami jirrizulta illi kienet l-istess socjeta' attrici li naqset fl-obbligi taghha meta qabdet u zammet il-vetturi. Ghalkemm kien hemm dizgwid dwar it-ttiswijiet, din ma

kellha ebda dritt tiehu l-ligi b'idejha. Ghalkemm seta' kien hemm xi nuqqasijiet ta' pagament, ma rrizulta minn imkien fil-provi prodotti li qatt saret xi talba ghall-hlas. Promessa li tigi pprezentata kopja tal-korrispondenza qatt ma nzammet.

Ma gewx sodisfatti il-kundizzjonijiet imposti fi klawzola 9 tal-istess li jwasslu ghad-dritt tas-socjeta' attrici li hemm il-kirja. Ma jistax jinghad li kienet is-socjeta' konvenuta li kisret il-kundizzjonijiet tal-ftehim b'nuqqas ta' pagament.

Godwin Mifsud hu tal-fehma li s-socjeta' konvenuta kienet qed taghmel minn kollox biex tahrab mill-obbligi minnha assunta. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatti juru mod iehor. Il-vetturi l-godda nxtraw wara li s-socjeta' attrici unilateralment iddecidiet li zzomm il-vetturi ghandha. Id-dati tad-dokumenti esebiti in atti jikkonfermaw dan.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament fl-ammont ta' hamest elef, tliet mija u hamsa u erbghin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€5345.56), ekwivalenti ghal elfejn, mitejn u erbgha u disghin Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm2294.85), bl-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-partijiet fi kwoti indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------